



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.5.2017
C(2017) 2809 final

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 3.5.2017

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014 f'dak li għandu
x'jaqsam mal-lista ta' miżuri li għalihom għandha tiġi ppubblikata ċerta informazzjoni
dwar il-benefiċjarji**

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 3.5.2017

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014 f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' miżuri li għalihom għandha tiġi ppubblikata ċerta informazzjoni dwar il-benefiċjarji

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 111(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-Istati Membri jridu jipubblikaw informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, inkluż, fost affarijiet oħra, l-ammont tal-ħlas riċevut għal kull miżura ffinanzjata minn dawn il-Fondi u n-natura u d-deskrizzjoni ta' kull miżura.
- (2) L-Artikolu 57 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014² jistipula aktar dettalji li jridu jiġu ppubblikati fir-rigward ta' dawk il-miżuri u jirreferi għall-Anness XIII ta' dak ir-Regolament, li fih lista tal-miżuri kkonċernati.
- (3) Bħala riżultat tal-projbizzjoni Russa fuq l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-Unjoni u tar-rata baxxa ta' tkabbir fid-domanda globali għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, b'mod partikolari b'riżultat tat-tnaqqis fl-esportazzjoni lejn iċ-Ċina, il-Kummissjoni adottat il-miżuri neċessarji sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tas-suq skont l-Artikolu 219(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ fis-setturi tal-bhejjem. Dawk il-miżuri huma stabbiliti fir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2015/1853⁴, (UE)

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 59).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

⁴ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1853 tal-15 ta' Ottubru 2015 li jipprevedi għajjnuna temporanja eċċezzjonali lill-bdiewa fis-setturi tal-bhejjem (ĠU L 271, 16.10.2015, p.25).

2016/1612⁵ u (UE) 2016/1613⁶. Dawk il-miżuri ngħataw bħala miżuri ta' appoġġ tas-swieq agrikoli skont l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u japplikaw għas-sena finanzjarja 2016 jew 2017, iżda mhumiex koperti mil-lista fl-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014. Għaldaqstant, huwa xieraq li jiġu inklużi f'dik il-lista.

- (4) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014 għandu jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014, jisdied il-punt 10 li ġej:

"10. Il-miżuri mogħtija fis-setturi tal-bhejjem skont l-Artikolu 219(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 bħala miżuri ta' appoġġ għas-swieq agrikoli skont l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, 3.5.2017

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1612 tat-8 ta' Settembru 2016 biex tiġi pprovduta għajnuna għal tnaqqis fil-produzzjoni tal-ħalib (ĠU L 242, 9.9.2016, p. 4).

⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1613 tat-8 ta' Settembru 2016 li jipprovdidi għal għajnuna ta' aġġustament eċċezzjonali lill-produtturi tal-ħalib u lill-bdiewa f'setturi tal-bhejjem oħrajn (ĠU L 242, 9.9.2016, p. 10).